



24.10.2012

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1326/2011, imressqa minn Moritz Diehl, ta' ċittadinanza Belġjana (?), u Wubbo Ockels, ta' ċittadinanza Nederlandiża, fisem Airborne Wind Energy, b'74 firma, dwar l-iżvilupp tal-Airborne Wind Energy fl-Ewropa

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanti jiddikjaraw li qiegħed jintlaħaq avvanz teknoloġiku mgħaġġel fil-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli li tuża apparat tal-ajru bħal tajr li jużaw kurrenti tar-riħ qawwija f'altitudni għolja (Airborne Wind Energy - AWE). Ħafna mix-xogħol pijunier biex l-AWE ssir realtà diġà sar u l-pass li jmiss huwa l-validazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq ta' din it-teknoloġija. Dan il-pass jeħtieġ kollaborazzjoni ma' komunitajiet xjentifiċi u industrijali kif ukoll appoġġ mill-UE. Il-petizzjonanti jitolbu għall-inklużjoni tal-AWE fl-aġenda tal-UE għall-promozzjoni tal-enerġija mir-riħ. B'mod aktar speċifiku, appell fit-Tmien Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku għal teknoloġiji innovattivi ta' enerġija mir-riħ jew saħansitra teknoloġiji fl-arja tal-enerġija mir-riħ jista' jippromwovi b'mod sinifikanti l-iżvilupp tal-AWE. Il-petizzjonanti huma konvinti li l-AWE jista' jagħti benefiċċji ekonomiċi kbar li jgħinu sabiex jintlaħqu l-miri ambizzjużi tal-UE dwar l-emissjonijiet tas-CO₂.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-26 ta' Marzu 2012. Il-Kummissjoni ntabet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ottubru 2012

Il-petizzjonanti jiddikjaraw li qiegħed jintlaħaq avvanz teknoloġiku rapidu fil-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli li tuża apparat tal-ajru bħal tajr li jużaw kurrenti tar-riħ qawwija f'altitudni għolja. Il-petizzjonanti jitolbu għall-inklużjoni tal-AWE (Airborne Wind Energy) fl-aġenda tal-UE biex tithegġegħ l-enerġija eolika, u b'mod aktar speċifiku fl-Orizzont 2020. Il-

petizzjonanti bagħtu l-istess petizzjoni lill-Kummissjoni.

Għalkemm mhux rikonoxxut mill-petizzjonanti l-Kummissjoni diġà tappoġġa proġetti relatati mal-AWE fis-7 Programm Qafas. L-ewwel, bħala parti mit-Tema Enerġija, is-sejħa għal proposti li għandha x'taqsam ma' Teknoloġiji Futuri u Emerġenti (FET), wasslet għal appoġġ tal-proġett HAWE¹. It-tieni, is-sena l-oħra, għotja tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERC) ingħatat li wieħed mill-petizzjonanti, għall-programm HIGHWIND tiegħu². It-tielet, it-Tema Trasport tappoġġa il-Proġett KITVES³.

Il-petizzjonant juri li hemm interess u appoġġ qawwi mill-partijiet interessati kkonċernati, kemm fis-setturi tar-riċerka u tal-industrija, li huwa inkuraġġanti ħafna għall-iżvilupp futur ta' din it-teknoloġija.

Madankollu, huwa mifhum li għadd ta' ostakli importanti, kemm tekniċi u mhux, għadhom iridu jingħelbu bħala parti mill-proċess ta' innovazzjoni u għall-użu possibbli ta' din it-teknoloġija. Barra mill-komplessitajiet teknoloġiċi, dawn jinkludu kwistjonijiet regolatorji u ta' sikurezza u kompetizzjoni għall-użu tal-ispazju tal-ajru fl-altitudnijiet ikkonċernati.

Għalissa, meta jitqies l-istatus tal-iżvilupp ta' din it-teknoloġija ma hemmx raġunijiet biex wieħed jiċċaqlaq mir-regola ġenerali ta' kompetizzjoni miftuħa bejn approċċi u proposti differenti. Madankollu, il-Kummissjoni se ssegwi l-iżviluppi u tista' tqiegħed fil-mira lil din it-teknoloġija partikolari, primarjament matul l-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi l-progress f'dan il-qasam u tqis l-AWE bħala approċċ possibbli għall-isfruttat effettiv tal-enerġija eolika. Żieda fil-mira tidher prematura, iżda tista' tiġi kkunsidrata aktar tard matul l-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020.

¹ Enerġija Eolika f'Altitudni Għolja - <http://www.omnidea.net/hawe>.

² "Simulation, Optimization and Control of High-Altitude Wind Power Generators" - www.highwind.be.

³ Soluzzjoni ibbażata fuq il-forma tal-ġwienaħ għal inġenji tal-ajru għall-produzzjoni tal-enerġija maħsuba għas-servizzi ta' trazzjoni u awżiljari) <http://www.kitves.com/wind.aspx>.